MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 270/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Mario Dimech**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef disa' mija u sitta u disghin Liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (LM4996.33) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 420884 (skond kif jirrizulta mill-anness `statement' Dok A) liema servizz gie stallat Birkirkara u dana skond ma kif jidher mill-annessi kopja ta' ftehim immarkata Dok B;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja datata 15 ta' Mejju tas-sena 2002 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-23 ta' Gunju tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------